

## Tifkira ta' meta s-Siġġiewi sar Città Ferdinand - Prof. George Cassar





Is-Siġġiewi hija belt imdaqqsa fil-Punent ta' Malta b'popolazzjoni ta' 8,327.[1] Għandha storja rikka u twila li fost l-oħrajn tinkludi okkażjoni sinifikattiva li baqgħet magħha sal-lum. Biżżejjed ngħidu li l-arma tas-Siġġiewi tinkludi kuruna forma ta' kastell bi tliet torrijiet minħabba li jindika l-istatus tagħha miksub fl-1797. Kien f'dik is-sena li saret Città Ferdinand.

### *Minn raħal issir città*

Għall-ħabta tal-1530, meta Malta bdiet tiġi ggvernata mill-Ordni ta' San Ġwann, fis-Siġġiewi diġà kien hemm xi 300 dar. Il-popolazzjoni kienet tlaħħaq madwar l-1,500 ruħ. Kompliet tikber matul is-seklu tmintax, u jidher li fis-sena 1772 kien hemm 1,788 ruħ.[2]

Fuq mapep antiki r-raħal tas-Siġġiewi nsibuh imsejjaħ ukoll Casal Siggeo, jew Sigeo, jew Sige,[3] u varjanti oħra. Din kienet ħaġa normali għax min kien jagħmel il-mappa kien jikteb l-ismijiet tal-imkejjen kif iħosshom jew jismagħhom. Is-Siġġiwin kienu jħobbu raħal twelidhom u xtaqu li jkun jispikka fost l-irħula fil-gżejjer Maltin. Biex dan isir, possibbiltà waħda kienet li jipprovaw jikkonvinċi lill-Gran Mastru tal-Ordni, u allura l-mexxej ta' Malta, biex jgħollihom l-istatus tar-raħal għal dak ta' belt jew *città*.

Il-mexxejja tal-komunità Siġġiwija studjaw kif kienu sejrin l-affarijiet ġo pajjiżhom u raw li l-okkażjoni li kienu qed jistennew waslet fl-1797. Din kienet is-sena meta l-Ordni għażel il-71 gran mastru tiegħu wara li miet il-Gran Mastru Emanuel de Rohan-Polduc. Il-kavallieri ddeċidew li jaħtru lil Ferdinand von Hompesch, bħala kap tagħhom. Dan kien l-ewwel Gran Mastru Ġermaniż tal-Ordni ta' Malta. Hu twieled fid-9 ta' Novembru 1744 fil-Kastell ta' Bollheim, ftit 'il bogħod mill-belt Ġermaniża ta' Dusseldorf . Wara karriera twila fl-Ordni fejn matulha kien okkupa numru ta' pożizzjonijiet importanti, sar Gran Balliju u Kap tal-Lingwa tal-Ġermanja, u membru tal-Kongregazzjoni tal-Gwerra fl-1796. Sena wara laħaq fl-ogħla kariga possibbli, dik ta' Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann.[4]

F'Malta, Hompesch ġibed is-simpatija ta' dawk li kien jiltaqa' magħhom, inkluż mal-Maltin. Tant ried ikun viċin tagħhom li għamel ħiltu biex jitgħallem

bil-Malti u hekk ikun jista' jikkomunika mal-Maltin direttament. Kien gran mastru li ried jersaq lejn is-sudditi tiegħu bis-serjetà u dan il-Maltin innotawh. U anki is-Siġġiwin.

Sinjali ċari ta' kemm ipprova jersaq lejn il-poplu dehru mill-ewwel għax matul l-ewwel sena bħala gran mastru għolla l-irħula ta' Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun għal *città*. Tal-ewwel issejħet Città Hompesch; iż-Żabbarin stiednu lill-Gran Mastru għall-festa tagħhom fl-14 ta' Settembru u waqt li kien hemm intalab jonoralhom raħalhom u dan aċċetta. Iż-Żwieten ukoll talbu lil Hompesch jgħollihom għal *città* u fit-30 ta' Diċembru ż-Żejtun sar Città Beland – il-kunjom ta' ommu fi xbubitha.[5]

Ma' dawn iż-żewġ avvenimenti kien hemm ukoll dik tas-Siġġiewi. L-okkażjoni ġiet fil-festa ta' San Nikola li kienet issir fis-6 ta' Diċembru. In-nies prominenti tas-Siġġiewi, immexxija mill-kappillan Dun Salv Corso, stiednu lill-prinċep tal-pajjiż għal din il-festa u hu aċċetta li jmur. Kif saru jafu li hu kien laqa' l-istedina u kien ser iżur raħalhom, huma bnew malajr ark trijonfali li jagħti għal ġol-misraħ kif kienet d-drawwa f'dawn l-okkażjonijiet.

Fil-jum tant mistenni l-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch wasal, akkumpanjat mid-dinjitarji u l-kavallieri tal-Ordni. Għadda minn taħt l-ark imwaqqaf apposta u mexa bejn stakkament ta' suldati tax-xwieni li kienu skjerati fuq kull naħa tat-triq fir-rotta bejn l-ark u l-knisja parrokkjali. Matul it-triq kien hemm banda li daqqet mużika biex tagħmel dan l-avveniment aktar formali u toħloq sens ta' ċelebrazzjoni.

Il-korteo wasal il-knisja u kulħadd lesta għall-quddiesa. Il-Gran Mastru qagħad fuq tron li ġie mħejji apposta. Meta spiċċat il-funzjoni reliġjuża, Dun Salv Corso ppreżenta bukkett fjuri sabiħ lil Hompesch, li kien sewa ħamsin skud. Ta wkoll lil Gran Mastru sunett u ħobż imbierek. Il-balliju li kien qed jakkumpanja lil Hompesch ukoll ingħata rigali simili mill-prokuratur tal-knisja u minn qassis ieħor. F'dan il-ħin il-poplu ressaq it-talba tiegħu lill-Prinċep ta' Malta Ferdinand von Hompesch fejn talbu biex jgħolli s-Siġġiewi għall-grad ta' belt.

Kien fit-30 ta' Diċembru li l-Gran Mastru von Hompesch laqa' formalment din ix-xewqa u hekk ta t-titlu ta' Città Ferdinand lis-Siġġiewi.[6] Hekk is-Siġġiewi beda jġib l-isem ta' Gran Mastru u kellu l-istess grad taż-żewġ ġirien tiegħu Ħal Qormi, li kien sar Città Pinto fl-1743, u Ħaż-Żebbuġ li kien sar Città Rohan fl-1777. B'dan l-att tal-Gran Mastru Hompesch, is-Siġġiewi minn *terra* sar *città,* u dan it-titlu għadu fis-seħħ sal-lum.

### *Mafkar għall-din l-okkażjoni*

Meta l-bniedem ikun irid jibqa' jiftakar f'xi okkażjoni jew personaġġ ta' importanza għall-komunità jew għall-pajjiż, dan joħloq mafkar jew monument biex hekk il-memorja tibqa' tiġġedded u ma tintesiex.

Xi snin ilu l-kumitat tas-Siġġiewi Festival Brass Band & Social Club ħass li l-avveniment ta' meta is-Siġġiewi saret *Città* kellu jfakkru b'mod xieraq u denju. Għal dan il-għan kien ikkonsultani biex ngħin lill-iskultur fil-kunċett ta' mafkar li kellu jittella' fil-ġranet tal-festa u hekk jiċċelebra u jġedded wieħed mill-aktar



mumenti importanti u ta' unur għas-Siġġiwin kollha. Fid-diskussjonijiet li kelli mal-artist, rajna li x-xbihat rappreżentati kellhom ikunu l-Gran Mastru Hompesch u s-Siġġiewi. Filwaqt li Hompesch kien se jkun jidher bħala hu stess, dwar is-Siġġiewi minħabba li din hi entità u mhux persuna kellu jinstab mezz kif din tkun rappreżentata b'mod xieraq u tanġibbli. Hekk ħarġet l-idea tat-tfajla qed iżżomm f'ideja l-arma tal-belt li tirrappreżenta.

It-tfajla mfarfra trid turi li għadha qed tikber. Din hi l-allegorija ta' Siġġiewi li kienet qed tiżviluppa u tinfirex imma li għadha ma laħqitx il-milja tagħha. Belt tikber fl-istatus tagħha aktar ma jkollha suċċessi u rikonoxximenti. Is-Siġġiewi kienet parroċċa mill-antiki nett imma ma kinitx tgħodd mal-ibliet prominenti ta' Malta sal-1797. Kienet qed tfittex dik il-qabża fil-kwalità li tagħmilha matura – nistgħu ngħidu li s-Siġġiewi kienet qed tfittex li tieħu l-istat tagħha. Hekk ħolmu u xtaqu Dun Salv Corso u l-mexxejja tar-raħal f'dawk l-aħħar snin tas-seklu tmintax. Raw postijiet oħrajn jimmaturaw u jikbru fl-isem u l-istatura tagħhom, u staqsew lilhom infushom: "U għaliex mhux is-Siġġiewi wkoll?" Nistħajjel irraġunaw li huma ma kellhom xejn inqas minn oħrajn u din ir-raġuni ħeġġithom biex jagħmlu dak il-pass importanti, għalkemm ma kellhom ebda garanzija li se jsejħilhom. Jidher il-kuraġġ tas-Siġġiwin li emmnu fihom infushom, f'raħalhom, f'għemilhom. Dik hi t-tfajla rżina hi wkoll tfajla qalbiena. It-tfajla hi kull Siġġiewi u Siġġiwija li jridu l-aħjar għal post twelidhom. Qed jindikaw b'sebagħhom l-arma li tirrappreżenta dik li għalihom hi l-mimmi t'għajnejhom. It-tfalja liebsa xorta ta' spellizza bajda b'disinn tal-bizzilla Maltija u bis-slaleb ta' Malta, għax is-Siġġiewi hu wieħed mil-lokalitajiet Maltin. It-tfajla għandha wkoll fardal qasir aħmar u hekk iġġib il-kuluri fl-arma ta' raħalha. Imma dan il-fardal ifakkar ukoll fil-motto tas-Siġġiewi – *Labore et Virtute* jew inkella, bix-xogħol u l-ħila. Żewġ kelmiet li jiddeskrivu sew lis-Siġġiwin ta' kull żmien, dawk li bnew il-knisja parrokkjali għax bħala raħħala ħabrieka raw kif mix-xogħol iebes fl-għelieqi tagħhom jġemmgħu il-fondi bies iħallsu biex fis-seklu sbatax tinbena knisja barokka fuq id-disinn ta' Lorenzo Gafà. Ġabru wkoll biex jitqabbad Mattia Preti ħalli jpittrilhom it-titular u Pietro Felici biex jagħmlihom statwa titulari u statwa oħra fil-misraħ ta' quddiem il-knisja. Hekk kiber u mmatura s-Siġġiewi u hekk kibru miegħu s-Siġġiwin.

Il-mafkar juri lill-Gran Mastru Hompesch sodifatt bis-Siġġiwin. Jidher ferħan jagħtihom dak li talbu għax ħaqqhom, għax ippruvaw lilhom infushom matul is-

snin, għax kienu sudditi denji tal-unur li belthom iġġib ismu.

Il-kompożizzjoni statwarja trid iġġib flimkien il-kobor tal-awtorità tal-mexxej mal-umiltà u l-purezza ta' poplu mingħajr pretensjonijiet imma b'fiduċja fih innifsu. Il-mafkar irid ifakkar lill-poplu Siġġiewi li minn jemmen f'dak li jixtrieq u ma jaqtax qalbu jitolbu, fl-aħħar jieħu l-premju mistħoqq.

Jalla dan il-messaġġ ikun il-motto ta' ħajjitna – nemmnu f'dak li rridu u naħdmu għalih. Hekk għamel il-poplu tas-Siġġiewi fl-1797, u x-xewqa saret realtà u baqa' jgawdiha sal-lum.

**Referenzi**


1. National Statistics Office, *Demographic Review 2014* (Malta, 2016), 15.
2. Guillaumier, A., *Bliet u Rħula Maltin*, iii (Malta, 1987), 773.
3. Ara Ganado, A., *Miniature maps of Malta* (Malta, 2009), *passim*.
4. Galea, M., 'Ferdinand von Hompesch: A biographical chronology', f' M. Eminyan (ed.), *Hompesch and Malta: A new evaluation* (Malta, [1999]), 21-2.
5. Galea, 22.
6. Guillaumier, 772-3.



LANTERN
GUEST HOUSE
Bar - Restaurant - Pizzeria

Qbajjar Road,
Marsalforn Bay,
Gozo, Malta.
www.gozo.com/lantern

*Guest House*
Tel: 2156 2365, 2155 6285
Mob: 7956 6271
lantern@onvol.net

*Restaurant*
Tel: 2155 6309
Mob: 9982 3689
lanternrest@hotmail.com

Apartments also available